



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2013
COM(2013) 510 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Ċintorin Blu, Żona Unika tat-Trasport għat-trasport marittimu

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Ċintorin Blu, Żona Unika tat-Trasport għat-trasport marittimu

1. INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea tiddependi ħafna fuq it-trasport marittimu għall-kummerċ tagħha mal-bqija tad-dinja u għall-kummerċ fis-suq intern tagħha. 74 %¹ tal-merkanzija importata u esportata mill-Unjoni u 37 %² tal-iskambji fl-Unjoni jgħaddu tranżitu mill-portijiet marittimi. Meta mqabbel ma' modi oħrajn ta' trasport, it-trasport marittimu għandu l-vantaġġi tiegħu bħalma huma inqas spejjeż, u inqas impatt fuq l-ambjent fir-rigward tal-ammont ta' merkanzija li tinġarr.

Madankollu, it-trasport marittimu ma jintużax dejjem fil-potenzjal sħiħ tiegħu minħabba rekwiżiti amministrattivi mhux meħtieġa.

L-Artikolu 28 tat-TFUE jippermetti l-moviment liberu ta' merkanzija tal-Unjoni³ fi ħdan it-territorju doganali tal-UE. Madankollu, billi l-bastimenti li joħroġu barra mill-ilmijiet territorjali tal-Istati Membri⁴ jitqiesu li jaqbz u l-fruntieri esterni tal-UE, il-bastimenti li jivvjaġġaw bejn il-portijiet f'żewġ Stati Membri differenti jitqiesu li telqu mit-Territorju Doganali tal-UE. Konsegwenza t'hekk, il-formalitajiet doganali huma meħtieġa darbtejn, meta l-bastiment jitlaq mill-port tat-tluq u meta l-bastiment jasal fil-port tad-destinazzjoni, allavolja t-tnejn huma portijiet tal-UE. Filwaqt li dawn il-proċeduri huma meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza, sigurtà u għal raġunijiet ekonomiċi u finanzjarji, dawn jinvolvu spejjeż u dewmien li jpoġġu t-trasport marittimu fi żvantaġġ meta mqabbel ma' mezzi oħra tat-trasport, fir-rigward tal-moviment ta' merkanzija tal-Unjoni fis-suq intern tal-UE.

It-tnaqqis tal-ispejjeż kif ukoll is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi kollha huma għan ewlieni għall-promozzjoni ta' użu akbar tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra u tal-kummerċ bil-baħar bejn il-portijiet tal-UE.

It-twaqqif ta' suq intern reali għall-merkanzija tal-Unjoni li tinġarr abbord il-bastimenti jsaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tat-trasport marittimu meta mqabbel ma' mezzi oħra ta' trasport u jsaħħaħ ukoll l-ekonomija kollha kemm hi, peress li l-katina loġistika ssir aktar effettiva, u b'hekk tikkumplimenta miżuri diġà fis-seħħ li jiffaċilitaw il-kummerċ. Huwa importanti li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-mezzi kollha ta' trasport.

Waħda mill-miżuri eżistenti li tiffaċilita l-kummerċ hija l-iskema ta' servizz regolari tat-trasport marittimu, skema li tiffaċilita s-servizzi doganali għall-bastimenti li

¹ Sors: ESPO, European Port Performance Dashboard (Tabella Operattiva tal-Prestazzjoni tal-Port Ewropew), 2012

² Sors: Il-Eurostat

³ Merkanzija tal-Unjoni tfisser il-merkanzija li tinkiseb kollha kemm hi fit-territorju doganali tal-UE, li tkun ġiet importata minn pajjiżi li mhumiex fl-UE u rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera, jew li tinkiseb jew li hija prodotta fl-UE minn merkanzija li taqa' taħt il-kategoriji li ssemew qabel. Il-merkanzija li mhijiex tal-Unjoni hija merkanzija oħra, essenzjalment dik li hija importata minn pajjiżi li mhumiex fl-UE u li ma tkunx ġiet rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera. (l-Artikolu 29 tat-TFUE)

⁴ L-ilmijiet territorjali, jew il-baħar territorjali, huwa "belt" ta' ilmijiet kostali li jestendu mhux aktar minn 12-il mil nawtiku (~ 22 km) mil-linja bażi (ġeneralment il-marka medja tal-ilma baxx) ta' stat kostali. Huwa meqjus bħala t-territorju sovrani ta' stat. (Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, 1982)

jidħlu regolarment f'portijiet tal-UE u li fil-biċċa l-kbira tagħhom iġorru biss merkanzija tal-Unjoni. Madankollu, skont l-industrija tat-trasport marittimu, huma biss 10-15 % tat-traffiku marittimu, prinċipalment il-laneċ, li qegħdin joperaw taħt din l-iskema. Minħabba li l-maġġoranza l-kbira tal-bastimenti jgħorru kemm merkanzija tal-Unjoni kif ukoll merkanzija li mhijiex tal-Unjoni u jieqfu spiss f'portijiet tal-Unjoni kif ukoll f'portijiet li mhumiex tal-Unjoni (eż. fin-Norveġja, fl-Afrika ta' Fuq, fir-Russja), jekk it-trasport marittimu jrid jisfrutta l-potenzjal sħiħ tiegħu jeħtieġ li dan it-tip ta' servizz tat-trasport marittimu jiġi verament iffaċilitat.

Għaldaqstant, din il-Komunikazzjoni toħloq qafas ta' politika għaċ-Ċintorin Blu, kunċett appoġġat mill-Kunsill fl-2010⁵, biex iżżid il-kompetittività għas-settur tat-trasport marittimu billi tħalli lill-bastimenti joperaw liberalment fi ħdan is-suq intern tal-UE bl-inqas burokrazija possibbli, u tinkludi miżuri ta' simplifikazzjoni u armonizzazzjoni għat-trasport marittimu minn portijiet ta' pajjiżi terzi. Sabiex tikseb dawn l-għanijiet, il-Komunikazzjoni tippreżenta żewġ miżuri legali meħtieġa li jemendaw id-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali (CCIP), miżura minnhom diġà tressqet quddiem il-Kumitat kompetenti f'Ġunju 2013, u t-tieni waħda se tiġi proposta sal-aħħar tas-sena.

2. KUNTEST

Il-kumplessità tal-proċeduri amministrattivi kienet identifikata bħala waħda mill-elementi ta' tfixkil ewlieni għall-iżvilupp tat-trasport marittimu fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-pjan ta' azzjoni bil-ħsieb li tiġi stabbilita **żona Ewropea tat-trasport marittimu mingħajr konfini**⁶. Il-pjan ta' azzjoni jinkludi fih miżuri għat-terminu qasir u għat-terminu medju kif ukoll rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri. Fir-rigward tad-dwana, il-pjan ta' azzjoni enfasizza l-bżonn li jiġu ssimplifikati l-formalitajiet għall-bastimenti li jbaħħru bejn il-portijiet tal-UE u li jgħorru merkanzija f'ċirkolazzjoni libera kif ukoll l-iffaċilitar tas-sistema għal bastimenti li jidħlu f'port li jinsab f'pajjiż terz jew f'żona libera.

Bħala parti mill-pjan ta' azzjoni, il-Kummissjoni adottat ir-**Regolament (UE) Nru 177/2010**⁷ li jintroduċi proċeduri simplifikati għall-hekk imsejħa "servizzi regolari tat-trasport marittimu" (RSS) imwettqa minn kumpaniji awtorizzati. Parti oħra tal-pjan ta' azzjoni, hija l-**inizjattiva Marittima elettronika**, li għandha l-għan li trawwem l-użu ta' teknoloġiji avvanzati tal-informazzjoni fis-settur tat-trasport marittimu billi tippromwovi l-interoperabbiltà u tiffaċilita l-komunikazzjoni elettronika bejn l-atturi differenti involuti fit-trasport marittimu. L-ewwel pass għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva Marittima elettronika hija d-**Direttiva 2010/65/UE**⁸ li skontha l-formalitajiet tar-rappurtar tal-bastimenti se jiġu trażmessi u skambjati elettronicament permezz tan-National Single Windows (NSW).

F'kuntest usa', il-**White Paper tal-2011 għall-ġejjieni tat-trasport**⁹ (Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport — Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti) tippromwovi Żona Unika Ewropea tat-Trasport ġenwina li fiha jridu jiġu eliminati l-ostakoli residwi kollha bejn il-mezzi

⁵ Is-suġġett kien diskuss taħt il-Presidenza Belġjana tal-Kunsill Informali tat-Trasport f'Antwerp fil-15 u s-16 ta' Settembru 2010 u rriżulta fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2010 dwar "L-integrazzjoni sħiħa tat-trasport fuq l-ilma fil-ktajjen tat-trasport u tal-loġistika tal-UE".

⁶ COM(2009) 10 finali.

⁷ ĠU L 52, 3.3.2010

⁸ ĠU L 283, 29.10.2010

⁹ COM(2011) 144 finali

u bejn il-fruntieri. B'mod partikolari, din tappella biex ikun hemm Ċintorin Blu fl-ibħra madwar l-Ewropa li jissimplifikaw il-formalitajiet għall-bastimenti li jivvjaġġaw bejn il-portijiet tal-UE.

3. ĊINTORIN BLU, MOD TA' KIF IS-SUQ INTERN GĦAT-TRASPORT MARITTIMU JIĠI KOMPLET

3.1. L-objettiv taċ-Ċintorin Blu

Il-piż amministrattiv għall-kumpaniji tat-trasport marittimu u għall-klijenti tagħhom u ż-żmien ta' dewmien fil-portijiet għandhom impatt negattiv fuq il-kompetittività tagħhom. L-effiċjenza tal-proċeduri tal-approvazzjoni doganali għall-merkanzija trasportata bejn il-portijiet tal-UE għandha impatt konsiderevoli fuq il-fluss tal-kummerċ f'waqtu u b'mod effiċjenti bejn il-kumpaniji u n-negozji tal-UE. L-ispejjeż addizzjonali jew jitħallsu mill-kumpanija tat-trasport marittimu, u dan ikun ta' xkiel ekonomiku f'suq li kull ma jmur dejjem isir aktar kompetittiv, jew inkella jitħallsu mill-klijenti tagħhom permezz ta' żieda fil-prezz għall-konsumatur tal-UE.

Iċ-Ċintorin Blu huwa żona fejn il-bastimenti jistgħu joperaw liberalment fi ħdan is-suq intern tal-UE b'piż amministrattiv mill-inqas filwaqt li jitjeb il-ħarsien tas-sikurezza, tas-sigurtà u tal-ambjent kif ukoll il-politiki doganali u dawk dwar it-taxxa permezz tal-użu ta' monitoraġġ tat-trasport marittimu u kapaċitajiet ta' rappurtar (proċessi, proċeduri u sistemi tal-informazzjoni).

L-objettiv prinċipali tiegħu huwa li jżid il-kompetittività tas-settur marittimu permezz ta' tnaqqis fil-piż amministrattiv u fl-ispejjeż. Aktar mat-trasport marittimu, b'mod partikolari it-trasport marittimu fuq distanzi qosra, isir attraenti, aktar jiġu stimulati l-impjiegi, u jitnaqqas l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent. Fi ftit kliem, jipromwovi verament it-Tkabbir Blu¹⁰.

L-effiċjenza tas-servizzi tat-trasport marittimu intra-UE se tittejjeb u l-ispejjeż mistennija li jonqsu għaladarba l-miżuri taċ-Ċintorin Blu jidħlu fis-seħħ u konsegwentament, se titjeb il-kompetittività tal-ispedituri Ewropej, tal-ispedituri tal-merkanzija u tal-manifatturi; jinħolqu kundizzjonijiet ekwi bejn il-mezzi kollha tat-trasport. Din iż-żieda fil-faċilitazzjoni tat-trasport tal-merkanzija intra-UE se tkun sinifikanti kemm minn perspettiva ekonomika kif ukoll minn perspettiva ambjentali u fil-prattika tiġġenera effetti reali.

3.2. Proġett Pilota taċ-Ċintorin Blu

Sabiex tivvalida dan il-kunċett, fl-2011 il-Kummissjoni nediet proġett pilota taċ-Ċintorin Blu f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA). Il-proġett pilota kellu l-għan li juri lill-awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-awtoritajiet doganali, is-servizzi li SafeSeaNet¹¹, is-sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti li hija mmaniġġjata mill-EMSA, setgħet toffri biex tgħinhom f'xogħolhom, filwaqt li tnaqqas il-piż amministrattiv għat-trasport marittimu. Kien hemm sa 253 bastiment li pparteċipaw fl-eżerċizzju pilota li

¹⁰ COM (2012) 494 finali

¹¹ Is-SafeSeaNet hija sistema stabbilita mid-Direttiva 2002/59/KE kif emendata, ospitata u żviluppata teknikament mill-EMSA li tpoġġi obbligu ta' rappurtar u ta' notifika fuq il-kaptani, l-operaturi jew l-aġenti tal-bastimenti biex b'hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu u jirċievu informazzjoni dwar il-bastimenti u l-merkanziji perikolużi tagħhom. Din tipprevedi, fost l-oħrajn, l-identifikazzjoni, il-pożizzjoni u l-istatus ta' bastiment; il-ħinijiet tat-tluq u tal-wasla; rapporti ta' inċidenti, dettalji dwar il-merkanziji perikolużi.

għew immonitorjati u l-awtoritajiet doganali rċevew rapport ta' notifika qabel il-wasla tagħhom, li nfurmahom bid-dettalji tar-rotot, tal-portijiet li fihom kellhom jidħlu l-bastimenti u ta' kif għabu rwieghom il-bastimenti (eż. tilqigh għal għarrieda fuq il-baħar).

Evalwazzjoni tal-proġett kif ukoll xi azzjonijiet ta' segwitu possibbli, bħall-estensjoni tal-monitoraġġ għall-bastimenti kollha involuti fi trasport purament intra-UE jew għall-bastimenti li jidħlu f'portijiet li mhumiex tal-UE, li jagħtu lill-awtoritajiet utenti aċċess għall-informazzjoni, permezz ukoll tan-national single windows, u li jiżviluppaw formalitajiet aktar awtomatizzati għat-trasport marittimu intra-UE, għew deskritti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni¹² u diskussi waqt il-Kunsill tat-Trasport f'Ġunju 2012. Il-Ministri tat-Trasport esprimew appoġġ qawwi għall-iżvilupp taċ-Ċintorin Blu u stiednu lill-Kummissjoni biex tressaq proposti speċifiċi.

Il-proġett pilota taċ-Ċintorin Blu wera li setgħet tiġi pprovduta informazzjoni utli lid-dwana dwar il-vjaġġi tal-bastimenti. Madankollu, l-awtoritajiet doganali għidli l-attenzjoni għall-fatt li l-informazzjoni dwar il-bastimenti għandha tkun kompluta b'informazzjoni dwar il-merkanzija li jgħorru, b'mod partikolari dwar l-istatus tagħhom (merkanzija tal-Unjoni versus merkanzija mhux tal-Unjoni). Din id-distinzjoni tippermetti lill-awtoritajiet doganali jiżguraw is-superviżjoni doganali xierqa ta' merkanzija li mhijiex tal-Unjoni filwaqt li fl-istess ħin jiffaċilitaw il-proċeduri għall-merkanzija tal-Unjoni.

3.3. L-Att dwar is-Suq Uniku II

Fit-3 ta' Ottubru 2012, fil-Komunikazzjoni tagħha "L-Att dwar is-Suq Uniku II, Flimkien għal tkabbir għdid"¹³, il-Kummissjoni pproponiet sett ta' azzjonijiet biex tkompli tiżviluppa s-Suq Uniku u biex tisfrutta l-potenzjal tiegħu bħala magna għat-tkabbir. Iċ-Ċintorin Blu kienet identifikata bħala azzjoni ewlenija, li se tikkonsisti minn pakkett b'inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi biex inaqqsu l-piż amministrattivi għat-trasport marittimu intra-UE għal livell li huwa komparabbli ma' dak ta' mezzi oħra tat-trasport (bl-ajru, bil-ferrovija u bit-triq).

Din l-azzjoni ewlenija tirreferi wkoll għar-Reviżjoni tal-Politika dwar il-Portijiet¹⁴, li għet adottata fit-23 ta' Mejju 2013. Ir-reviżjoni tikkomplimenta l-għan tal-inizjattiva taċ-Ċintorin Blu. Hi beħsiebha tippromwovi l-kompetittività tal-portijiet tal-baħar Ewropej u tisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir tagħhom. Ir-reviżjoni timponi wkoll rekwiżiti li jiġu kkonsultati l-partijiet interessati u l-amministrazzjonijiet pubbliċi li joperaw fiż-żona tal-port dwar l-effiċjenza tal-proċeduri amministrattivi fil-portijiet u, fejn xieraq, dwar miżuri possibbli għas-simplifikazzjoni tagħhom.

4. IL-PAKKETT TAĊ-ĊINTORIN BLU

Il-Kummissjoni temmen li biex toħloq malajr riżultati operazzjonali reali, il-pakkett taċ-Ċintorin Blu għandu jinkludi żewġ miżuri, jiġifieri t-titjib tal-iskema tas-Servizz Regolari tat-Trasport Marittimu u, meta wieħed jikkunsidra r-realtà ekonomika, mekkaniżmu ta' faċilitazzjoni għall-bastimenti li jidħlu wkoll f'portijiet ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, ir-reviżjoni ppjanata tad-Direttiva 2002/59/KE dwar is-Sistemi

¹² SWD(2012)145 finali

¹³ COM(2012) 573 finali

¹⁴ COM(2013) 296 finali u COM(2013) 295 finali.

għall-Monitoraġġ u l-Infurmazzjoni dwar it-Traffiku tal-Bastimenti¹⁵ u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Formalitajiet ta' Rappurtar se jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dan il-kunċett usa' taċ-Ċintorin Blu.

4.1. Il-qagħda fil-preżent

4.1.1. Faċilitazzjonijiet attwali

Il-merkanzija tal-Unjoni abbord il-bastimenti li matul il-vjaġġ tagħhom joħorġu barra mill-ilmijiet territorjali tal-Istati Membri inklużi fit-territorju doganali tal-Unjoni, jitilfu l-istatus tal-Unjoni tagħhom u huma soġġetti għal ċerti proċeduri irrelevanti minn jekk jiċċirkolawx biss bejn il-portijiet tal-UE jew le. Dan ifisser li pereżempju merkanzija tal-Unjoni abbord trakk li jivvjaġġa bejn Tallinn u Lisbona tibbenefika bis-sħiħ mis-suq uniku¹⁶, filwaqt li bastiment li jgħorr l-istess merkanzija bejn Tallinn u Lisbona huwa xorta waħda kkunsidrat li għamel vjaġġ internazzjonali.

Il-leġiżlazzjoni eżistenti diġà tipprevedi għal simplifikazzjoni tal-merkanzija trasportata ġewwa t-territorju tal-UE permezz tal-proċeduri tas-Servizz Regolari tat-Trasport Marittimu. Din il-merkanzija hija meqjusa li hija merkanzija tal-Unjoni, sakemm ma jiġix stabbilit mod ieħor. Ċerti kundizzjonijiet jeħtieġu jiġu ssodisfati sabiex l-operatur isir eliġibbli:

- il-bastimenti jistgħu jivvjaġġaw biss bejn il-portijiet tal-UE fuq rotta predeterminata;
- awtorizzazzjoni minn qabel

Il-merkanzija li mhijiex tal-Unjoni tista' tintbagħat bil-baħar fuq bastimenti li joffru servizz regolari tat-trasport marittimu kif ukoll, dejjem skont jekk ikunux jaqgħu taħt il-proċedura ta' tranżitu Komunitarja esterna¹⁷ biex tiġi żgurata s-superviżjoni doganali. Għal dan l-għan in-negozjanti jistgħu jużaw simplifikazzjonijiet ibbażati fuq l-użu ta' manifest, soluzzjoni li ta' sikwit tintuża mit-trasportaturi. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kontrolli għal skopijiet oħrajn, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tas-saħħa tal-annimali, tal-pubbliku jew tal-pjanti tal-Unjoni.

Huwa f'idejn il-kumpanija tat-trasport marittimu li tiddeċiedi jekk tapplikax għal servizz regolari tat-trasport marittimu jew le skont il-ħtiġijiet kummerċjali individwali tagħha. Din id-deċiżjoni trid tkun ibbażata fuq il-vantaġġi f'termini prattiċi, skont jekk il-bastimenti jgħorrox prinċipalment merkanzija tal-Unjoni (f'liema każ servizz regolari tat-trasport marittimu jista' jkun alternattiva peress li mhija meħtieġa l-ebda prova tal-istatus tal-Unjoni) jew prinċipalment merkanzija li mhijiex tal-Unjoni (f'liema każ l-użu ta' servizz regolari tat-trasport marittimu tista' ma tkunx alternattiva peress li m'hemm l-ebda obbligu li tintuża l-proċedura ta' tranżitu 'lil hinn mis-servizz).

¹⁵ ĠU L 208, 27.06.2002

¹⁶ Bil-kundizzjoni li t-trakk jibqa' ġewwa t-territorju doganali tal-UE u, pereżempju, ma jużax rotta via Kaliningrad jew l-Ukraina.

¹⁷ Din il-proċedura hija definita fl-Artikolu 91(1) tal-Kodiċi Doganali Komunitarju. Din tippermetti, b'mod partikolari, il-moviment ta' merkanzija li mhijiex Komunitarja minn punt għall-ieħor fit-territorju doganali mingħajr ma dik il-merkanzija tkun soġġetta għal dazji fuq l-importazzjoni u imposti oħrajn jew għal miżuri ta' politika kummerċjali.

4.1.2. *Sistemi eżistenti ta' informazzjoni użati għall-ġbir ta' informazzjoni relatata mad-dwana mill-bastimenti*

L-UE adottat miżuri li jeħtieġu li l-Istati Membri jistabbilixxu “National Single Windows” li jippermettu lin-negozjanti jippreżentaw informazzjoni permezz ta' interfaċċa waħda biex jissodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji kollha relatati mal-importazzjoni jew l-esportazzjoni.

L-ewwel pass lejn it-twaqqif tan-national single windows twettaq permezz tat-tnedija tal-proġett tad-dwana elettronika. Il-proġett, li jirriżulta mid-Deċiżjoni Nru 70/2008¹⁸, għandu l-għan li jissostitwixxi l-proċeduri doganali fil-format tal-karta bi proċeduri elettroniċi fl-UE kollha, biex b'hekk joħloq ambjent doganali aktar effiċjenti u aktar modern. Informazzjoni relatata mad-dwana dwar l-eżitu tal-kontrolli tas-saħħa tista' tinkiseb mis-Sistema Esperta u ta' Kontroll tal-Kummerċ, introdotta permezz tad-Deċiżjoni 2002/459/KE¹⁹, li toħloq netwerk trans-Ewropew għan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-monitoraġġ tal-importazzjonijiet, tal-esportazzjonijiet u tal-kummerċ tal-prodotti sanitarji u fitosanitarji. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 648/2005²⁰ introduċa l-analiżi tar-riskju bħala l-bażi tal-kontrolli doganali u t-titjib tal-effiċjenza u tal-effettività tagħhom fl-oqsma kollha (il-qasam tas-sigurtà, dak tas-sikurezza, u dak fiskali).

L-awtoritajiet doganali nazzjonali żviluppaw u operaw sa mill-2011 is-Sistemi għall-Kontroll tal-Importazzjonijiet²¹ biex jirċievu Dikjarazzjonijiet fil-Qosor tad-Dħul²² prinċipalment għal skopijiet ta' skrinjar għar-riskju ta' sikurezza u sigurtà. Id-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul jiġu ppreżentati mill-partijiet responsabbli fl-ewwel uffiċċju doganali tal-UE għad-dħul tal-bastimenti li jtilqu minn portijiet li mhumiex tal-UE. L-interoperabilità tas-sistemi għall-kontroll tal-importazzjonijiet diġà tippermetti lid-dwana biex fl-ewwel punt tad-dħul tgħaddi r-riżultati tal-analiżi tar-riskju ta' sikurezza u ta' sigurtà lill-uffiċċji doganali ta' Stati Membri oħra li l-portijiet tagħhom huma elenkati fid-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul.

Id-Direttiva 2010/65/UE dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jtilqu minn portijiet tal-Istati Membri għandha l-għan li "jiġu simplifikati u armonizzati l-proċeduri amministrattivi applikati għat-trasport marittimu billi tagħmel it-trażmissjoni elettronika tal-informazzjoni standard u billi tirrazzjonalizza l-formalitajiet ta' rappurtar". Hija teżiġi li mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2015 l-Istati Membri jistabbilixxu servizzi ta' national single window biex jirċievu n-notifiki dwar meta bastiment jidhul f'port. Billi l-informazzjoni trid tiġi preżentata darba biss, se jkollha tiġi kondiviża mal-awtoritajiet rilevanti, bħad-dwana u l-kontroll tal-fruntieri.

Għal dawn l-iskopijiet, ġiet stabbilita rabta bejn id-Direttiva dwar il-Formalitajiet ta' Rappurtar u d-Direttiva dwar is-Sistemi għall-Monitoraġġ u l-Importazzjoni dwar it-Traffiku tal-Bastimenti, partikolarment fir-rigward tal-użu u l-iżvilupp tal-pjattaforma ta' SafeSeaNet f'dan il-kuntest. Sabiex tuża r-riżorsi eżistenti u l-investimenti b'mod effiċjenti, tevita d-duplikazzjoni u, fejn possibbli, tnaqqas il-piż

¹⁸ ĠU L 23, 26.1.2008

¹⁹ ĠU L 159/27, 17.06.2002

²⁰ ĠU L 117, 4.5.2005

²¹ Is-Sistema għall-Kontroll tal-Importazzjonijiet, sistema għall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni bbażata fuq speċifikazzjonijiet komuni, tipprevedi t-trattament ta' dikjarazzjonijiet ta' qabel il-wasla u r-rabta tal-informazzjoni mal-analiżi tar-riskju.

²² Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul hija dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 36a tal-Kodiċi Doganali li għandha tiġi ppreżentata għall-merkanziji li tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni.

amministrattiv kemm għall-industrija kif ukoll għall-amministrazzjonijiet involuti, SafeSeaNet għandha tintuża wkoll għal skambju addizzjonali tal-informazzjoni biex jiġi ffaċilitat it-trasport marittimu. Biex jinkiseb dan l-għan, hi għandha tkun interoperabbli ma' sistemi oħra ta' monitoraġġ u ta' rappurtar. L-objettiv ġenerali huwa li tiggarrantixxi l-monitoraġġ tal-bastimenti f'sistema (jew sistema interkonnessa) li jibbenefikaw minnha bosta ħtiġijiet fil-livell nazzjonali, fil-livell tal-UE u fil-livell internazzjonali biex b'hekk ikun jista' jitwaqqaf spazju għat-trasport marittimu Ewropew mingħajr ostakoli.

L-informazzjoni relatata ma' merkanzija li hija meħtieġa mid-dwana u minn awtoritajiet oħrajn tinġabar permezz ta' dikjarazzjoni tal-merkanzija jew "manifest tal-merkanzija" li jiġu trażmessi mill-kumpanija tat-trasport marittimu. Minkejja l-adozzjoni ta' dikjarazzjoni tal-merkanzija standard fil-Konvenzjoni FAL²³ u l-eżistenza ta' format elettroniku rakkomandat mill-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, ma hemm l-ebda struttura armonizzata għall-manifest tal-merkanzija li ġiet implimentata mill-Istati Membri u li tista' tintuża għal sistemi elettroniċi għall-approvazzjoni amministrattiva.

4.2. Il-futur tal-ambjent taċ-Ċintorin Blu

4.2.1. *Titjib fil-kunċett ta' Servizz Regolari tat-Trasport Marittimu*

Jekk ikunx hemm Servizz Regolari tat-Trasport Marittimu jiddependi minn jekk tkunx ingħatat awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet doganali. L-applikazzjoni għandha tiġi preżentata quddiem l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu hija stabbilita dik il-kumpanija jew, fin-nuqqas ta' dan, li fit-territorju tiegħu għandha uffiċċju reġjonali. L-awtorità doganali li tawtorizza tfittex li jkun hemm qbil mal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri kkonċernati, jiġifieri dawk l-Istati Membri fejn il-kumpanija tixtieq li l-bastimenti tagħha jidħlu fil-portijiet tagħhom. Sabiex jiżiedu aktar portijiet fejn jidħlu l-bastimenti fi Stati Membri oħrajn, jeħtieġ li titnieda proċedura ġdida ta' awtorizzazzjoni.

Fl-2012, il-proċess ta' applikazzjoni għal servizzi regolari tat-trasport marittimu u l-immaniġġjar sussegwenti tal-awtorizzazzjoni ġew aġġornati u simplifikati, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' sistema elektronika tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tqasret permezz ta' tnaqqis fil-fażi ta' konsultazzjoni li minn 60 jum saret 45 jum u r-reġistrazzjoni sussegwenti tal-bastimenti u tar-rotot saret aktar faċli.

Minkejja l-benefiċċji magħrufa ta' dan l-iffaċilitar, il-proċedura biex jopera servizz regolari tat-trasport marittimu xorta għadha meqjusa mill-industrija tat-trasport marittimu bħala sistema ineffiċjenti u li tiegħu ż-żmien u li mhijiex flessibbli biżżejjed, bil-konsegwenza li bosta trasportaturi għadhom jibqgħu lura milli japplikaw għal dan l-istatus. Għalhekk, xi ftit modifiki oħra jistgħu jtejjbu l-proċedura tal-RSS u jagħmluha aktar veloċi u aktar flessibbli.

²³

Il-Konvenzjoni FAL hija konvenzjoni għall-iffaċilitar tat-traffiku marittimu internazzjonali, adotata mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali fid-9 ta' April 1965 kif emendat.

Sabiex ikun hemm aktar iffaċilitar tal-iskema tas-servizz regolari tat-trasport marittimu, f'Ġunju 2013 il-Kummissjoni ressqet quddiem il-Kumitat kompetenti emenda tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali²⁴ (CCIP).

L-emenda tkopri:

- Tqassir tal-perjodu tal-awtorizzazzjoni billi l-perjodu ta' konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kompla ġie llimitat għal 15-il jum.
- Estensjoni għad-dħul tal-bastimenti fil-portijiet fil-futur. Attwalment, l-operaturi li japplikaw għal awtorizzazzjoni għal servizzi regolari tat-trasport marittimu għandhom jispeċifikaw liema huma l-Istati Membri affettwati minn dak is-servizz. F'każ li sussegwentement l-operaturi jkunu jixtiequ jestendu s-servizz għal Stat Membru ieħor, tkun meħtieġa konsultazzjoni oħra. Li l-applikanti jitħallew jispeċifikaw minn qabel liema huma l-Istati Membri li jistgħu jkunu koperti fil-futur kif ukoll dawk li huma attwalment koperti jissarraff fi frankizz ta' ħin meta jseħħ il-każ kummerċjali.

L-iffaċilitar taċ-Ċintorin Blu — Eżempju 1

Operatur, li jixtieq joffri servizz regolari tat-trasport marittimu bejn Felixstowe fir-Renju Unit, Rotterdam fil-Pajjiżi l-Baxxi u Kopenhagen fid-Danimarka u fil-futur forsi sa Gdansk fil-Polonja, jista' jibbenefika mill-iskema mtejba ta' servizz regolari tat-trasport marittimu. L-operatur se jkollu jitlob l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit biex jopera dan is-servizz u se jingħata l-opportunità wkoll li jindika liema Stat Membru jista' jiżdied mas-servizz fil-futur, f'dan il-każ il-Polonja. L-awtoritajiet tar-Renju Unit jikkuntattjaw lill-awtoritajiet doganali rilevanti kollha, jiġifieri fil-Pajjiżi l-Baxxi, fid-Danimarka u fil-Polonja u jitolbu l-permess tagħhom għall-għoti tal-awtorizzazzjoni. L-Istati Membri jkollhom sa 15-il jum (minflok il-45 jum li hemm bħalissa) biex iwiegħbu. Imbagħad tingħata l-awtorizzazzjoni u l-operatur ikun jista' joffri s-servizz fi żmien relattivament qasir. Aktar tard, jekk l-operatur ikun jixtieq jimmodifika s-servizz biex jinkludi l-port ta' Gdansk fil-Polonja, dan jista' jsir mingħajr l-ebda problema, mingħajr ma jkun hemm bżonn li titnieda proċedura għda għall-awtorizzazzjoni.

4.2.2. L-eManifest, għodda biex jiffaċilita l-vjaġġi ta' bastimenti li jidħlu wkoll f'portijiet ta' pajjiżi terzi

Minkejja l-benefiċċji tiegħu, il-kunċett ta' servizzi regolari tat-trasport marittimu huwa attraenti biss għal għadd limitat ta' operaturi kummerċjali u ma jikkorrispondix għall-bżonnijiet tal-ispedituri, tal-manifatturi, tal-importaturi u tal-esportaturi, tal-kummerċ u tal-industrija. Billi huma biss is-servizzi tat-trasport marittimu intra-UE li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u għat-tħaddim, bastimenti involuti fil-kummerċ intra-UE iżda li jidħlu wkoll f'port barrani huma esklużi mill-kamp tal-applikazzjoni tiegħu. Huwa stmat li huma biss 10-15 % tat-traffiku marittimu, prinċipalment il-laneċ, li qegħdin joperaw taħt l-iskema tas-servizz regolari tat-trasport marittimu. Minħabba li l-maġġoranza l-kbira tal-bastimenti jgħorru kemm merkanzija tal-Unjoni kif ukoll merkanzija li mhijiex tal-Unjoni u jieqfu spiss f'portijiet tal-Unjoni kif ukoll f'portijiet li mhumiex tal-Unjoni (eż. fin-Norveġja, fl-Afrika ta' Fuq, fir-Russja), jekk it-trasport marittimu jrid jisfrutta l-

²⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju, ĠU L 253, 11.10.1993

potenzjal sħiħ tiegħu jeħtieġ li dan it-tip ta' servizz tat-trasport marittimu jiġi verament iffaċilitat.

Jinħtieġ li l-istatus tal-merkanzija li tinġarr abbord (jiġifieri jekk hijiex tal-Unjoni jew jekk mhijiex tal-Unjoni, Esportazzjoni, il-Merkanzija li Tibqa' Abbord, eċċ.) ikun magħruf sabiex tiġi ddeterminata s-superviżjoni doganali xierqa. Għaldaqstant, l-iffaċilitar jista' jinkiseb permezz tal-introduzzjoni ta' għodda għal notifika faċli tal-informazzjoni meħtieġa, inkluża l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-kumpanija tat-trasport marittimu lid-dwana dwar l-istatus tal-merkanzija. Din tippermetti lill-awtoritajiet li jiddeterminaw il-proċedura li għandha tiġi applikata skont l-istatus tal-merkanzija. Tali għodda tippermetti lid-dwana fil-port minn fejn jinħarġu l-affarijiet biex tagħmel l-arranġamenti għar-rilaxx mgħaġġel tal-merkanzija tal-Unjoni filwaqt li tiżgura li l-merkanzija li mhijiex tal-Unjoni tibqa' taħt il-kontrolli doganali u l-kontrolli amministrattivi neċessarji, bħall-kontrolli sanitarji, sakemm jiġu rilaxxati għal, pereżempju, iċ-ċirkolazzjoni libera.

Il-merkanzija elettronika “eManifest” b’informazzjoni dwar l-istatus tal-merkanzija hija kkunsidrata bħala soluzzjoni Prattika biex jinkiseb dan. L-eManifest ikun f’forma ta’ manifest armonizzat u elettroniku tal-merkanzija u huwa strument biex jiffaċilita aktar it-trasport marittimu għall-bastimenti li jidħlu f’portijiet tal-UE u wkoll f’portijiet ta’ pajjiżi terzi.

Meta l-eManifest jiġi ppreżentat f’port tal-UE, ikun indikat l-istatus tal-Unjoni tal-merkanzija abbord u, jekk ikkonfermat, ma jkunx hemm għalfejn jitwettqu kontrolli doganali għall-merkanzija tal-Unjoni għajr għal kontrolli għal għarrieda. Dan jirrappreżenta ffaċilitar konsiderevoli tal-kummerċ għall-ispedituri u għall-kumpaniji tat-trasport marittimu, kif ukoll simplikazzjoni għall-awtoritajiet doganali li ma jkollhomx għalfejn jikkontrollaw il-merkanzija tal-Unjoni, sakemm ma tkunx identifikata għal kontrolli speċifiċi jew dawk għal għarrieda.

Il-merkanzija li titgħabba f’portijiet li mhumiex tal-UE, skont id-definizzjoni, tkun merkanzija li mhijiex tal-Unjoni u titniżżel bħala tali fuq l-eManifest. Barra minn hekk, jekk bastiment jidħol f’port ta’ pajjiż terz bejn żewġ portijiet tal-UE iżda l-merkanzija tal-Unjoni tibqa' abbord, il-merkanzija żżomm l-istatus tagħha kif iddikjarat mat-tluq mill-aħħar port tal-UE. B’żieda ma’ dan, bis-saħħa tal-eManifest armonizzat, ikun aktar faċli li tiġi vverifikata l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-port tat-tluq lill-port tal-wasla

L-eManifest jintroduċi simplifikazzjoni oħra: l-indikazzjoni tal-istatus tal-merkanzija fl-eManifest tkun tista' tiġi approvata minn operatur jekk ikun awtorizzat li jagħmel dan. Negożjanti li ma jkollhomx tali awtorizzazzjoni jkollhom joqogħdu fuq il-konferma tal-awtoritajiet doganali.

Jinħtieġ li l-eManifest ikun disponibbli elettronikament għall-awtoritajiet doganali fil-port tal-UE fejn il-bastiment se jidħol sussegwentament u fejn se tinħatt il-merkanzija, bl-użu tal-istatus tal-Unjoni tal-merkanzija li jiggarrantixxi rilaxx malajr. Referenza fl-eManifest għall-informazzjoni relatata mal-merkanzija li nġabret fil-portijiet preċedenti li fihom daħal il-bastiment tipprovdi element addizzjonali għat-traċċar tal-konformità mhux biss mar-rekwiżiti fiskali iżda wkoll mar-rekwiżiti ta' sikurezza u ta' sigurtà tal-UE.

Jinħtieġ li l-eManifest ikun armonizzat għalkollox fl-UE kollha. Jinħtieġ ukoll li s-sistemi tal-IT ikunu kompletament interoperabbli sabiex l-eManifests ikunu jistgħu jiġu ppreżentati u jkun hemm skambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet.

Madankollu, l-intenzjoni mhijiex li tinħoloq sistema ġdida li timplika spejjeż addizzjonali, iżda li nkomplu nibnu fuq sistemi eżistenti jew sistemi li qegħdin jiġu żviluppati, bħan-National Single Window, żviluppata fil-qafas tad-Direttiva dwar il-Formalitajiet ta' Rappurtar, li tippermetti l-iskambju tal-eManifest bejn l-amministrazzjonijiet doganali nazzjonali u ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn.

B'din is-soluzzjoni, il-merkanzija tal-Unjoni tibbenefika mis-suq intern, anke fir-rigward ta' vjaġġi bi dħul f'portijiet ta' pajjiżi terzi, filwaqt li l-merkanzija li mhijiex tal-Unjoni tkun soġġetta għall-istess rekwiżiti ta' konformità sħiħa li jeżistu llum. L-awtoritajiet doganali se jkunu jistgħu jiddedikaw aktar riżorsi għall-valutazzjoni tar-riskju u l-approvazzjoni tal-merkanzija li mhijiex tal-Unjoni filwaqt li l-merkanzija tal-Unjoni tkun tista' tiċċirkola b'mod aktar liberu.

Sabiex tintroduċi din il-faċilità, il-Kummissjoni qegħda tipprepara biex sal-aħħar tal-2013 tippreżenta emenda tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali (CCIP), inklużi d-dispożizzjonijiet li jstabbilixxu l-eManifest. Il-Kummissjoni tistenna li l-eManifest ikun operattiv bis-sħiħ minn Ġunju 2015. Din l-emenda se tikkunsidra x-xogħol li diġà sar fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Formalitajiet ta' Rappurtar li teħtieġ kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-partijiet kollha involuti kemm flivell nazzjonali kif ukoll flivell tal-UE. Barra minn hekk, jeħtieġ li r-rekwiżiti tal-eManifest jitqiesu matul ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Sistemi tal-Infurmazzjoni tal-Monitoraġġ tat-Traffiku tal-Bastimenti u matul l-implimentazzjoni ulterjuri tad-Direttiva dwar il-Formalitajiet ta' Rappurtar.

L-iffaċilitar taċ-Ċintorin Blu — Eżempju 2

Bastiment li jivvjaġġa minn Shanghai għaċ-Ċina jidħol f'Limassol f'Ċipru. Il-merkanzija kollha abbord tasal minn barra l-UE. Valutazzjoni tar-riskju fuq it-tip u l-livell tar-riskju twettqet abbażi tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul ippreżentata qabel it-fluq minn Shanghai. Il-każijiet kollha li qegħdin f'riskju immedjat se jkunu soġġetti għall-kontrolli kollha meħtieġa, bħal kontrolli tas-saħħa, kontrolli tas-sikurezza u tas-sigurtà, kontrolli veterinarji, eċċ. Għal dik il-merkanzija miċ-Ċina li nħattet f'Ċipru, il-kontrolli kollha tas-soltu se jitwettqu f'Ċipru. Għall-merkanzija li tibqa' abbord u tippreżenta riskju li mhuwiex theddida immedjata, l-infurmazzjoni tgħaddi għand l-Istati Membri kollha li qegħdin fir-rotta, sabiex l-awtoritajiet doganali fil-portijiet fejn tinħatt il-merkanzija jkunu jistgħu jwettqu l-kontrolli meħtieġa. Il-bastiment imbagħad jgħabbi l-merkanzija tal-UE biex imur minn Ċipru għal Marsilja fi Franza. Permezz tal-iffaċilitar taċ-Ċintorin Blu f'Limassol, l-operatur tal-bastiment se jaġġorna l-eManifest li jinkludi l-indikazzjoni tal-istatus tal-merkanzija tiegħu (merkanzija li mhijiex tal-Unjoni u merkanzija tal-Unjoni rispettivament) fid-dokument elettroniku. Fi triqta lejn Marsilja, il-bastiment jieqaf f'Tangier biex iħott il-merkanzija miċ-Ċina u jgħabbi merkanzija oħra. L-eManifest jerġa' jiġi aġġornat u tiġi ppreżentata dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul ġdida għal skopijiet tal-valutazzjoni tar-riskju tas-sikurezza u tas-sigurtà tal-merkanzija mgħobbija f'Tangier. Il-merkanzija kollha li ġejja miċ-Ċina u merkanzija oħra li tgħabbiet f'Tangier issa huma kkunsidrati bħala merkanzija li mhijiex tal-Unjoni. Meta l-bastiment jasal f'Marsilja, il-merkanzija tal-Unjoni li tgħabbiet f'Limassol, li l-istatus tagħha ġie ddikjarat fl-eManifest, tista' tiġi rilaxxata malajr mid-dwana minħabba l-istatus tal-Unjoni tagħha indikat fl-eManifest. Il-merkanzija kollha li mhijiex tal-Unjoni se tkun soġġetta għall-kontrolli xierqa, bħall-kontrolli tas-sigurtà, tas-sikurezza, tas-saħħa, il-kontroll veterinarju, il-kontroll fiskali, eċċ.

